# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/750

## tal-31 ta' Marzu 2026

## li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "ECA Disinfect skin Product family 7" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fit-3 ta' Ġunju 2022, ECA consortium A/S ppreżentat applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għal awtorizzazzjoni tal-Unjoni għal familja ta' prodotti bijoċidali bl-isem "ECA Disinfect skin Product family 7" tat-tipi ta' prodott 1 u 3, kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, u pprovdiet konferma bil-miktub li l-awtorità kompetenti tad-Danimarka qablet li tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-HJ075974-23 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali.

(2) "ECA Disinfect skin Product family 7" fih il-kloru attiv irrilaxxat mill-aċidu ipokloriku bħala s-sustanza attiva, inkluża fil-lista tal-Unjoni ta' sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tipi ta' prodott 1 u 3.

(3) Fit-12 ta' Novembru 2024, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ssottomettiet, f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija.

(4) Fil-5 ta' Ġunju 2025, l-Aġenzija ppreżentat l-opinjoni tagħha [2], l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SPC") tal-"ECA Disinfect skin Product family 7", u r-rapport finali tal-valutazzjoni dwar il-familja ta' prodotti bijoċidali lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) L-opinjoni kkonkludiet li l-"ECA Disinfect skin Product family 7" hija familja ta' prodotti bijoċidali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (s) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li hija eliġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament u li, soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(6) ta' dak ir-Regolament. Madankollu, l-Aġenzija tirrakkomanda li l-familja ta' prodotti bijoċidali tiġi awtorizzata biss għall-użu "Hand disinfection non-medical application" għat-tip ta' prodott 1 kif deskritt fit-Taqsima 2.1 tal-opinjoni. L-użi l-oħra għat-tip ta' prodott 1 u l-użu għat-tip ta' prodott 3 li għalihom saret applikazzjoni mill-applikant mhumiex rakkomandati għall-awtorizzazzjoni mill-Aġenzija.

(6) Fit-23 ta' Ġunju 2025, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-abbozz tal-SPC fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(7) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għalhekk tqis li jixraq li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali "ECA Disinfect skin Product family 7" għall-użu "Hand disinfection non-medical application" biss għat-tip ta' prodott 1.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.
[2] Opinion of 15 May 2025 on the Union authorisation of the biocidal product family "ECA Disinfect skin Product family 7" (ECHA/BPC/476/2025), https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru EU-0035043-0000 lil ECA consortium A/S biex tqiegħed fis-suq u tuża l-familja ta' prodotti bijoċidali "ECA Disinfect skin Product family 7" f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodotti bijoċidali stabbilit fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mill-21 ta' April 2026 sal-31 ta' Marzu 2036

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2026.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

**SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL FAMILJA TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI**

ECA Disinfect skin Product family 7

**Tip(i) ta' prodott**

PT01: Iġjene tal-bniedem

**Numru tal-awtorizzazzjoni** EU-0035043-0000

**Numru tal-assi R4BP** EU-0035043-0000

PARTI I

**L-EWWEL LIVELL TA' INFORMAZZJONI**

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Kunjom**

| | |
|---|---|
| Isem | ECA Disinfect skin Product family 7 |

1.2. **Tip(i) ta' prodott**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta' prodott | PT01: Iġjene tal-bniedem |

1.3. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

| | | |
|---|---|---|
| Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni | Isem | ECA Consortium A/S |
| | Indirizz | Blegen 9, 4.th 6400 Sønderborg DK |
| Numru tal-awtorizzazzjoni | | EU-0035043-0000 |
| *Numru tal-assi R4BP* | | EU-0035043-0000 |
| Data tal-awtorizzazzjoni | | Il-21 ta' April 2026 |
| Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni | | Il-31 ta' MArzu 2036 |

1.4. **Manifattur(i) tal-prodott**

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | ECA Consortium |
| Indirizz tal-manifattur | Blegen 9 4.th 6400 Sønderborg Id-Danimarka |
| Post ta' siti ta' manifattura | ECA Consortium, site 1 Åvej 19 2680 Solrød Strand Id-Danimarka |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | ACS B.V. |
| Indirizz tal-manifattur | Oostergracht 17-11 3763 LX Soes In-Netherlands |
| Post ta' siti ta' manifattura | ACS B.V., site 1 Oostergracht 17-11 3763 LX Soes In-Netherlands<br>ACS B.V., site 2 Sdr. Kajsgade 7-9 8500 Grenaa Id-Danimarka |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Actalys France |
| Indirizz tal-manifattur | Z.A du Haut ds Tappes, BP 70 065 54310 Homecourt Franza |
| Post ta' siti ta' manifattura | Actalys site 1 Z.A du Haut ds Tappes, BP 70 065 54310 Homecourt Franza |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | BEULCO GmbH & Co. KG |
| Indirizz tal-manifattur | Kölner Str. 92 D-57439 Attendorn Il-Ġermanja |
| Post ta' siti ta' manifattura | BEULCO GmbH & Co. KG site 1 Kölner Str. 92 D-57439 Attendorn Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Briotech European Operations Oy |
| Indirizz tal-manifattur | Teknobulevardi 3-5 01530 Vantaa Il-Finlandja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Briotech European Operations Oy Technopolis, site 1 Teknobulevardi 3-5 01530 Vantaa Il-Finlandja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | CF Pharma |
| Indirizz tal-manifattur | 73B Hebron Industrial Estate R95 CKK2 Kilkenny L-Irlanda |
| Post ta' siti ta' manifattura | CF Pharma, site 1 73B Hebron Industrial Estate R95 CKK2 Kilkenny L-Irlanda |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Danish Clean Water A/S |
| Indirizz tal-manifattur | Nørrekobbel 11 6400 Sønderborg Id-Danimarka |
| Post ta' siti ta' manifattura | Danish Clean Water A/S, site 1 Nørrekobbel 11 6400 Sønderborg Id-Danimarka |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Ecas Qauttro s.r.l. |
| Indirizz tal-manifattur | Pietro Miliani 7 40132 Bologna L-Italja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Ecas Quattro s.r.l., site 1 Pietro Miliani 7 40132 Bologna L-Italja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | ecabiotec AG |
| Indirizz tal-manifattur | Starkenburgstrasse 10 D-64546 Mörfelden Il-Ġermanja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Ecabiotec AG, site 1 Starkenburgstrasse 10 D-64546 Mörfelden Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Elements of Water GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Unter dem Dostler 4 54296 Trier Il-Ġermanja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Elements of Water, site 1 Unter dem Dostler 4 54296 Trier Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Elox GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Auen-Süduferstrasse 67 9220 Velden L-Awstrija |
| Post ta' siti ta' manifattura | Elox GmbH, site 1 Töschling 123 9212 Techelsberg L-Awstrija |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Envira GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Karl-Emminger-Str.14-16 A-5020 Salzburg L-Awstrija |
| Post ta' siti ta' manifattura | Envira GmbH, site 1 Karl-Emminger-Str.14-16 A-5020 Salzburg L-Awstrija |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Hydroliq solutions GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Staldenhof 17 CH 6014 Luzern L-Iżvizzera |
| Post ta' siti ta' manifattura | Hydroliq solution AG, site 1 Hydroliq solution AG 6014 Luzern L-Iżvizzera |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | HyperDes Water Technology |
| Indirizz tal-manifattur | Bastenauer Strasse 11 91637 Wornitz Il-Ġermanja |
| Post ta' siti ta' manifattura | HyperDES watertechnology, site 1 Bastenauer Strasse 11 91637 Wornitz Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Impressio GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Schäffergasse 20/26 1040 Vienna L-Awstrija |
| Post ta' siti ta' manifattura | Impressio GmbH, site 1 Hallerstrasse 43 6020 Innsbruck L-Awstrija |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Innovacyn US / Costigan Scientific Ltd |
| Indirizz tal-manifattur | 2 Barrack Street, Clarinbridge H91 XT44 Galway L-Irlanda |
| Post ta' siti ta' manifattura | Innovacyn US / Constigan Scientific Ltd, site 1 2 Barrack Street 103 348 Clarinbridge, Galway L-Irlanda |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Innowatech GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Alte Kaserne 28 D-72186 Empfingen Il-Ġermanja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Innowatech GmbH, site 1 Alte Kaserne 28 72186 Empfingen Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Noxefin GmbH & Co Ks |
| Indirizz tal-manifattur | Wimmentaler strasse 36 74189 Weinsberg-Grantchen Il-Ġermanja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Noxefin GmbH & Co Ks, site 1 Wimmentaler strasse 36 7489 Weinsberg-Grantchen Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Nuova Control Systems Srl |
| Indirizz tal-manifattur | Viale VittorioVeneto 60 59100 Prato L-Italja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Nuova Control Systems Srl, site 1 Via Franco Vannetti Donnini 72/2 59100 Prato L-Italja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Newtec Umwelttechnik GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Am Borsigturm 62 13507 Berlin Il-Ġermanja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Newtec Umwelttechnik GmbH, site 1 Am Borsigturm 62 13507 Berlin Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | NPP Izumrud |
| Indirizz tal-manifattur | Pae tn 25-47, Harju county 11414 Tallinn L-Estonja |
| Post ta' siti ta' manifattura | NPP Izumrud, site 1 Pae tn 25-47, Harju county 11414 Tallinn L-Estonja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | BBDistrilux |
| Indirizz tal-manifattur | 6 rue Henri M.Schnadt 2530 Luxembourg Il-Lussemburgu |
| Post ta' siti ta' manifattura | BBdistrilux, site 1 12 rue de l'industrie 3895 Foetz Il-Lussemburgu |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | PureClean.eu ApS |
| Indirizz tal-manifattur | Runddelsvej 17 8930 Randers NØ Id-Danimarka |
| Post ta' siti ta' manifattura | PureClean.eu ApS, site 1 Runddelsvej 17 8930 Randers Id-Danimarka<br>PureClean.eu ApS, site 2 Ruosilantie 7b 00390 Helsinki Il-Finlandja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Gotika 1212 s.r.o |
| Indirizz tal-manifattur | Arbesova 751/9 46001 Liberec Iċ-Ċekja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Gotika 1212 s.r.o, site 1 Majerská 3 821 07 Bratislava Slovakia |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | VDH watertechnology BV |
| Indirizz tal-manifattur | Glashorst 114 3925 BV Scherpenzeel In-Netherlands |
| Post ta' siti ta' manifattura | VDH Watertechnology B.V, site 1 Glashorst 114 3925 BV Scherpenzeel In-Netherlands |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Watair GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Aebischen 41 3202 Frauenkoppelen L-Iżvizzera |
| Post ta' siti ta' manifattura | Watair GmbH, site 1 Aebischen 41 3202 Frauenkoppelen L-Iżvizzera |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Ökopur GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Parkweg 10 D-74850 Schefflenz Il-Ġermanja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Ökopur GmbH, site 1 Parkweg 10 D-74850 Schefflenz Il-Ġermanja |

| | |
|---|---|
| Isem tal-manifattur | Veriforte GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Tobel 1505 8877 Murg L-Iżvizzera |
| Post ta' siti ta' manifattura | Veriforte GmbH, site 1 Katzmoosstraße 26a 5161 Elixhausen L-Awstrija |

1.5. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

| | |
|---|---|
| Sustanza attiva | Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż |
| Isem tal-manifattur | Innowatech GmbH |
| Indirizz tal-manifattur | Alte Kaserne 28 D-72186 Empfingen Il-Ġermanja |
| Post ta' siti ta' manifattura | Innowatech GmbH site 1 Alte Kaserne 28 72186 Empfingen Il-Ġermanja |

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-FAMILJA TAL-PRODOTT U FORMULAZZJONI**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-familja**

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċidu ipokloruż | Aċidu ipokloruż | Rilaxxatur | 7790-92-3 | 232-232-5 | 0,075 - 0,1 % (w/w) |
| Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Sustanza attiva | | | 0,075 - 0,1 % (w/w) |

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

| Tip(i) ta' formulazzjoni | AL Kwalunkwe likwidu ieħor |
|---|---|

PARTI II

**IT-TIENI LIVELL TA' INFORMAZZJONI META SPC(S)**

1. **META SPC 1 INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Meta SPC 1 identifikatur**

| Identifikatur | Meta SPC: Skin disinfection |
|---|---|

1.2. **Suffiss għan-numru tal-awtorizzazzjoni**

| Numru | 1-1 |
|---|---|

1.3. **Tip(i) ta' prodott**

| Tip(i) ta' prodott | PT01: Iġjene tal-bniedem |
|---|---|

2. **KOMPOŻIZZJONI TAL-META SPC 1**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-meta SPC 1**

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċidu ipokloruż | Aċidu ipokloruż | Rilaxxatur | 7790-92-3 | 232-232-5 | 0,075 - 0,1 % (w/w) |
| Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Sustanza attiva | | | 0,075 - 0,1 % (w/w) |

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni tal-meta SPC 1**

| | |
|---|---|
| Tip(i) ta' formulazzjoni | AL Kwalunkwe likwidu ieħor |

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI TAL-META SPC 1**

| | |
|---|---|
| Dikjarazzjonijiet ta' periklu | H290: Jista' jkun korrużiv għall-metalli. |
| Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni | P390: Assorbi t-tixrid sabiex tipprevjeni ħsara fil-materjal.<br>P234: Żomm biss fl-imballaġġ oriġinali. |

4. **UŻU/I AWTORIZZAT(I) TAL-META SPC**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

*Tabella 1*

**1.1 Diżinfezzjoni tal-idejn mhux medika (PT1)**

| | |
|---|---|
| Tip ta' prodott | PT01: Iġjene tal-bniedem |
| Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp) | Isem komuni: Batterji<br>Istadju iżvilupp: l-ebda data<br>Isem komuni: Ħmira<br>Istadju iżvilupp: l-ebda data<br>Isem komuni: Viruses<br>Istadju iżvilupp: l-ebda data |
| Qasam/Oqsma ta' użu | użu fuq ġewwa |
| Metodu/i ta' applikazzjoni | Metodu: tferriegħ<br>Deskrizzjoni dettaljata:<br>Ferra 3 ml fuq idejn nodfa u niexfa, ogħrok idejk sew għal 30 sekonda. Irrepeti l-applikazzjoni. |
| Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza | Rata ta' applikazzjoni: 2 x 3 ml. The products are ready to use (RTU)<br>Numru u ħin tal-applikazzjoni:<br>3 ml għal 30 sekonda mwettqa darbtejn.<br>Massimu ta' 25 darba kuljum (użu professjonali).<br>Massimu ta' 10 darbiet kuljum (użu mhux professjonali).<br>Ħin ta' kuntatt: 2 x 30 sekonda.<br>Il-prodott irid ikun ifformulat għal pH ta' 4-8. |
| Kategorija/i ta' utenti | professjonali<br>pubbliku ġenerali (mhux professjonali) |
| Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ | Flixkun u tank IBC: Polietilen ta' densità għolja (HDPE)/ polietilentereftalat (PET)<br>Daqsijiet:<br>Utenti mhux professjonali:<br>Flixkun: 500 ml; 750 ml; 1 L<br>Utenti professjonali:<br>Flixkun: 500 ml; 750 ml; 1 L; 2,5 L; 5 L; 7,5 L; 10 L; 20 L.<br>Tank IBC: 500 L; 600 L; 1000 L |

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Applika 3 ml fuq idejn nodfa u niexfa, u ogħrok idejk sew għal 30 sekonda. Agħmel darbtejn.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU TAL-META SPC 1**

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Ikkonforma mal-istruzzjonijiet għall-użu.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Mhux meħtieġa miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

JEKK JIĠI INALAT: Jekk jidhru sintomi ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

JEKK JINBELA': Jekk jidhru sintomi ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

JEKK FUQ IL-ĠILDA: Jekk isseħħ irritazzjoni aħsel bl-ilma u fittex parir mediku. F'każijiet ta' espożizzjoni mhux intenzjonata tal-ġilda: aħsel bl-ilma.

JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Jekk jidhru sintomi laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

Jekk ikun meħtieġ parir mediku, ara li jkollok il-kontenitur jew it-tikketta tal-prodott fil-qrib.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Armi l-kontenut/il-kontenitur f'konformità mar-regolamenti lokali/nazzjonali/internazzjonali

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Ħajja fuq l-ixkaffa: 18-il xahar.

Irid jinħażen f'temperatura massima ta' 20 °C.

Ipproteġi mill-ġlata.

Ipproteġi mid-dawl.

Żommu 'l bogħod minn fejn jistgħu jilħquh it-tfal, annimali domestiċi u annimali mhux fil-mira.

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Fir-rigward tal-"Kategorija/i ta' utenti" innota: "Professjonisti (inkluż utenti industrijali)" tfisser professjonisti mħarrġa jekk dan huwa meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

7. **IT-TIELET LIVELL TA' INFORMAZZJONI: PRODOTTI INDIVIDWALI FIL-META SPC 1**

7.1. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

| Isem/Ismijiet kummerċjali | | ECA Disinfect skin 750 | qasam tas-suq: UE | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru tal-awtorizzazzjoni | | EU-0035043-0001 1-1 | | | |
| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
| Aċidu ipokloruż | Aċidu ipokloruż | Rilaxxatur | 7790-92-3 | 232-232-5 | 0,075 % (w/w) |
| Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Sustanza attiva | | | 0,075 % (w/w) |

7.2. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

| Isem/Ismijiet kummerċjali | | ECA Disinfect skin 800 | qasam tas-suq: UE | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Numru tal-awtorizzazzjoni | | EU-0035043-0002 1-1 | | | |
| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
| Aċidu ipokloruż | Aċidu ipokloruż | Rilaxxatur | 7790-92-3 | 232-232-5 | 0,08 % (w/w) |
| Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Sustanza attiva | | | 0,08 % (w/w) |

7.3. **Isem/Ismijiet kummerċjali, numru tal-awtorizzazzjoni u kompożizzjoni speċifika ta' kull prodott individwali**

| Isem/Ismijiet kummerċjali | ECA Disinfect skin 1000 | qasam tas-suq: UE |
|---|---|---|
| Numru tal-awtorizzazzjoni | EU-0035043-0003 1-1 | |

| Isem komuni | Isem IUPAC | Funzjoni | Numru CAS | Numru EC | Kontenut (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċidu ipokloruż | Aċidu ipokloruż | Rilaxxatur | 7790-92-3 | 232-232-5 | 0,1 % (w/w) |
| Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Kloru attiv rilaxxat mill-aċidu ipokloruż | Sustanza attiva | | | 0,1 % (w/w) |